16 ta' Marzu, 1965

Imħallef:

Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.

Giovanni Simler et.

versus

Philip Borg Cardona

Mara Miżżewġa — Nullità — Kunsens tar-Raġel — Mandat — Art. 1014, 1373(1), 1362(1), 1971 u 1959 tal-Kodiċi Ċivili.

Obligazzjoni ta' mara miżżewġa dwar operazzjonijiet li ma jid-ħlux fil-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kuljum, mhijiex nulla jekk żewġha jkun ta l-kunsens tiegħu għall-obligazzjonijiet kontratti minn martu.

Il-mara tista' tiġi kostitwita mandatarja ta' żewġha u l-mandat jista' jiġi konferit lilha anki bil-fomm biss u anki taċitament.

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — premessa d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħti kull provvediment opportun; premess li l-atturi biegħu u kkonsenjaw lill-konvenut u lil martu oġġetti ta' l-ikel, ta' lbies u ta' bżonn tad-dar matul dawn l-aħħar ħames snin bil-prezz ta' tliet mija u tmienja u tmenin lira, xelin u seba' soldi (£388. 1. 7) skond kif jidher f'fol: 15 tad-Dokument A esibit maċ-ċitazzjoni animo ritirandi, u premess li l-prezz kien jitħallas f'rati reċentement ta' żewġ liri kull ħmistax; u premess li kif jidher minn Dok: A, il-konvenut għad għandu jagħti bilanċ ta' mija u sitt liri, xelin u seba' soldi (£106. 1. 7); u li l-aħħar akkont tħallas fl-1 ta' Marzu, 1964, (fol: 8); u premess illi l-konvenut qiegħed jallega li m'għandu jagħti xejn lill-atturi — talbu li l-konvenut, prevja jekk hemm bżonn, dikjarazzjoni li huwa

debitur ta' l-atturi fis-soma ta' mija u sitt liri xelin u seba' soldi jew somma oħra verjuri, jiġi minn din il-Qorti kkundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' erbatax-il lira (£14) korrispondenti għal seba' rati skaduti mill-15 ta' Marzu, 1964, sal-20 ta' Ġunju, 1964; b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi rigward il-pagament ta' rati ulterjuri; bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' April, 1964 kontra l-konvenut.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li t-talba ta' l-atturi hija diretta biex tottjeni dikjarazzjoni li huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' £106. 1. 7; u biex jiġu kanonizzati kredituri ta' l-istess konvenut fis-somma ta' £14, korrispondenti għal seba' rati skaduti mill-15 ta' Marzu, 1964 sal-ġurnata li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, pagabbli biż-żewġ liri (£2) il-waħda kull ħmistax il-ġurnata.

Li l-konvenut eċċeppixxa li huwa qatt ma ttratta ma' l-atturi u d-dejn in kwistjoni mhux tali li jobbliga l-konvenut in vista tal-mandat taċitu, billi l-oġġetti mixtrija minn martu ma jidħlux fil-kategorija tal-bżonnijiet domestiċi u ta' kull jum. Kwindi, l-obbligazzjoni ta' martu hija nulla għax saret bla kunsens u intervent ta' żewġha; u f'kwalunkwe każ mart il-konvenut ġiet doložament imdaħħla f'dana d-dejn li ġie mħallas.

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk il-konvenut kienx jaf li martu kienet qegħda takkwista diversi oġġetti mingħand l-atturi li rriżultaw mill-kwintern (Dok: A) (a fol: 4 tal-proċess).

Li l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba mill-kontendenti, waslet għall-konklużjoni li l-eċċezzjoni tal-konvenut, ma jixirqiliex li tiġi milqugħa, għaliex kien jaf bl-akkwisti ta' martu u l-kunsens tiegħu jirriżulta miċ-ċirkostanzi segwenti:

OMISSIS;

Li għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-konvenut kien jaf u ta l-kunsens tiegħu għal kull ma kienet qegħda tixtri martu mingħand l-atturi, u f'kwalunkwe każ huwa evidenti li l-mara tal-konvenut kienet qegħda tobbliga ruħha bħala mandatarja ta' żewġha bil-fomm u anki taċitament.

Ikkunsidrat:

li skond l-artikolu 1373(1) tal-Kodiċi Ċivili, d-dejn li tagħmel il-mara bil-kunsens tar-raġel imorru a kariku tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, li tagħha huwa kap il-konvenut; u għalhekk l-azzjoni odjerna tinsab regolarment istitwita kontra l-konvenut, li fil-premessa kwalità huwa l-unika persuna li għandha tirrispondi għad-dejn ta' martu ("uti dominus" (art. 1362(1) Kodiċi Ċivili) li qiegħed jiġi reklamat mill-atturi f'dina l-kawża.

Li huwa minnu li skond il-liġi (art. 1014) tal-Kodiċi Ċivili) kull konvenzjoni magħmulha minn mara miżżewġa bla kunsens jew intervent ta' żewġha fl-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti hija nulla; però, dina l-komminazzjoni tal-liġi ma tibqax validament sostenibbli meta, bħal fil-każ preżenti, jiriżulta li r-raġel ikun ta l-kunsens tiegħu għall-obbligazzjonijiet kontratti minn martu; u għalhekk, kwalunkwe dikjarazzjoni li tista' tagħmel il-mara fis-sens li hija responsabbli tad-dejn, ma tiswix, għaliex hija kontra l-liġi (art. 1362 (2) Kod. Ċiv.). u ma tekwivalix għall-estro-

missjoni tar-raġel minn dana d-dejn (Kollez. XXXIII, iv, 708).

Li, inoltri, l-ineffikaċja ta' konvenzjoni li tagħmel il-mara tista' tiġi sanata anki bil-prova li hija kellha l-mandat tar-raġel anki għal dawk l-operazzjonijiet li ma jidħlux fil-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kull jum. Dana jingħad għaliex il-mara tista' tiġi kostitwita mandatarja ta' żewġha (art. 1971 Kod. Ċiv.) u l-mandat jista' jiġi konferit lilha anki bil-fomm biss u anki taċitament (art. 1959(c) Kod. Ċiv.); (Kollezz. XXVI, i, 340; XXXIV, i, 300).

Li l-aċċenn magħmul mill-konvenut dwar id-dolo eżerċitat mill-atturi f'dawna l-venditi ma ġiex b'ebda mod pruvat u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tieħdu in konsiderazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li l-kreditu bilanċjali ta' l-atturi ma jidhirx kontestat għalkemm il-konvenut eċċeppixxa li "skond martu ġie mħallas"; martu anqas ma xehdet; u l-konvenut ma ġieb ebda prova biex jikkontestah la fl-interezza tiegħu u anqas rigward l-import ta' partiti separati. Il-prova tal-pagament tinkombi lill-konvenut; u fin-nuqqas ta' provi konvinċenti għandu jipprevali l-prinċipju li l-kreditu dedott huwa dovut.

Li l-mod tal-pagament u l-ammont tar-rati skaduti sal-ġurnata li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni ġie pruvat a sodisfazzjon tal-Qorti (v. kwintern esibit a fol: 4 u depożizzjoni ta' l-attriċi fol: 28).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.